# Qlub Imkebbsa, Riġlejn Mexjin
## Adorazzjoni Ewkaristika
## bi tħejjija għall-Ġurnata Missjunarja Dinjija
## Ottubru 2023

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Ngħollu tifħirna lejk, o Kristu Sidna,
li qomt rebbieħ fuq dlam il-mewt, setgħani
bħal xemx li tiddi b'qawwa f'sbieħ il-għodwa
u d-dinja ddawwal.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Fil-mixja ta' ħajjitna ersaq lejna
sabiex kliem xofftejn qlubna inti tisma'
filwaqt li inti wkoll tgħidilna kliemek
li 'l qlubna jkebbes.

*Missierna, Sliema, Glorja*

U għamel li dil-fjamma ċkejkna tasal
li f'nar li jheddeb vampa waħda taqbad
sabiex għajnejna dlonk beraħ jinfetħu
u jagħrfuk moħbi.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ħa tkun imnara dil-ħuġġieġa fina
li ddawwal dlam il-lejl u tkeċċi l-biża'
sabiex riġlejna ħfief ma jibqgħux lura
li jwasslu l-Bxara.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Insebbħuk u nkabbruk, o Alla moħbi
f'das-sagrament tal-kbira mħabba tiegħek,
u miegħek ġieħ irroddu lil Missierek
u 'l Ruħ il-Qodos. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Barra fit-talba tar-Rużarju, matul dan ix-xahar il-Knisja tfakkarna fil-ħidma Missjunarja u ta' Evanġelizzazzjoni tagħha meta tiċċelebra l-Ġurnata Missjunarja Dinjija fit-22 ta' Ottubru. Il-messaġġ tal-Papa għal din is-sena hu mnebbaħ mir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws, fl-Evanġelju ta' San Luqa (ara 24, 13-35), bit-tema: *Qlub imkebbsa, riġlejn mexjin*. F'dan ir-rakkont, niltaqgħu ma' żewġ dixxipli

mħawdin u diżappuntati, imma li l-laqgħa ma' Kristu fil-Kelma u fil-ħobż maqsum xegħlet fihom l-entużjażmu sabiex jerġgħu jitilqu lejn Ġerusalemm u jxandru li l-Mulej qam tassew.

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (ara 24, 13-35)
Dak in-nhar stess, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, ġara li tnejn minnhom kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm, jitħaddtu bejniethom fuq kulma kien ġara. Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom. Imma għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh. U hu qalilhom: "X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?" U huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom. Imbagħad wieħed minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: "Inti waħdek il-barrani f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem? " "X'ġara?" staqsiehom Ġesù. Qalulu: "Dak li ġara lil Ġesù ta' Nazaret, li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu, kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun ikkundannat għall-mewt u sallbuh. Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja! Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj. Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa, imma lilu ma rawhx!" Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?" U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu. Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel ta' birruħu li hu kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod. Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom u qalulu: "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm." Imbagħad daħal biex joqgħod magħhom. U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom. U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien, u dawn qalulhom: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!" U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż.

**Il-Kelma tal-Mulej**
*R/. Irroddu ħajr lil Alla*

Fil-messaġġ tiegħu għall-Ġurnata Missjunarja, minn dan ir-rakkont il-Papa jislet tliet aspetti li jiddeskrivu l-mixja tad-dixxipli missjunarji—jiġifieri qlub imkebbsa, għajnejn miftuħa, riġlejn mexjin—liema aspetti se nħalluhom imexxuna f'dan il-

ħin ta’ adorazzjoni sabiex fina tiġġedded il-ħeġġa tagħna għall-Evanġelizzazzjoni fid-dinja tal-lum.

**Innu Ewkaristiku**

## Qlub Imkebbsa

Mulej, wara li smajt liż-żewġ dixxipli fit-triq ta’ Għemmaws huma u jfissrulek għalfejn kienu mnikktin billi jirrakkuntawlek l-istess ġrajja tiegħek, inti bdejt minn Mosè u l-profeti kollha tfissrilhom kulma kien hemm dwarek fl-Iskrittura. Il-qlub tad-dixxipli tkebbsu, tant li, wara li għebt minn quddiemhom inti u taqsam il-ħobż, wieħed lil ieħor bdew jgħidu: “Ma kienetx qalbna imkebbsa ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?” U, tassew, għax inti l-Kelma ħajja, li waħedha biss tista’ tkebbes il-qlub, idawwalhom u tibdilhom.
It-toroq li d-dinja tal-lum tiftaħ quddiemna huma infiniti, u kull triq terġa’ tinfetaħ f’possibbiltajiet infinit. Imma inti biss hu t-Triq li twassal għall-Verità u tagħti l-Ħajja ta’ dejjem. Għalhekk, Mulej, kif ninsabu miġbura quddiemek, għal darb’oħra moħbi fil-ħobż, nitolbuk: kebbes lil qlubna, dawwalhom u għaġinhom fil-forma tal-qalb tiegħek permezz tal-Kelma li inti ma tehda qatt twasslilna, sabiex aħna wkoll inkunu nistgħu nxandru lid-dinja l-misteru tas-salvazzjoni tiegħek bil-qawwa u l-għerf li ġejjin mill-Ispirtu tiegħek.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Wara kull invokazzjoni nwieġbu flimkien: *kebbsilna qalbna, Mulej.*

- Meta d-dlam tad-dnub tagħna jaqtagħlna qalbna ... **R/.**
- Meta l-biża’ jaħkimna u jżommna milli nagħtu pass ... **R/.**
- Meta nħossuna mifxula u bla nifs quddiem il-ħajja ... **R/.**
- Meta l-ġrajja tagħna jew tal-familja tagħna toħloq uġigħ u mistoqsijiet ... **R/.**
- Meta nsibuha bi tqila biex nistqarru t-twemmin tagħna fik ... **R/.**
- Meta l-ħeġġa tibred fina u ninħakmu mill-monotonija ... **R/.**

**Innu Ewkaristiku**

## Għajnejn Miftuħa

Għalkemm, meta dħalt għand dawk iż-żewġ dixxipli, raddejt il-ħajr qabel l-ikel bħalma kien jagħmel il-missier ta’ familja Lhudija, xorta waħda kull ġest tiegħek—“qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom”—fakkru lil dawk iż-żewġ dixxipli—u jfakkru lilna wkoll—fis-sinjal tat-tkattir tal-ħobż u, fuq kollox, f’dak li seħħ waqt l-aħħar ċena meta waqqaf dan is-sagrament tal-għaġeb li ridtna nibqgħu nagħmluh b’tifkira tiegħek sabiex ta’ kull darba mill-ġdid tferra’ fuqna l-grazzja tas-Sagrifiċċju waħdieni tiegħek fuq is-Salib. Inti huwa dak li taqsam il-

ħobż permezz tal-idejn tas-saċerdot, u fl-istess ħin inti nnifsek issir ħobż maqsum għalina.
Din il-preżenza tiegħek quddiemna, fostna, u, iktar u iktar, ġewwa fina trid issir il-qofol u l-għajn ta' kull missjoni. Permezz tal-Ewkaristija, inti ssejħilna sabiex, bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, bħalek, miegħek, u fik, aħna wkoll naqsmu ma' ħutna l-grazzja tiegħek li tifthilna għajnejna biex inħarsu lejn ir-realtà mill-perspettiva tiegħek, u aħna stess insiru ħobż maqsum għad-dinja.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Wara kull invokazzjoni nwieġbu flimkien: *ifthilna għajnejna, Mulej.*

- Quddiem il-ħtiġijiet ta' ħutna ... ***R/.***
- Meta ninħakmu mill-indifferenza ... ***R/.***
- Quddiem l-ingann tax-xitan u l-frugħa tad-dinja ... ***R/.***
- Meta t-toroq tiegħek ilaqqgħuna ma' persuni li qegħdin ifittxuk ... ***R/.***
- Quddiem is-sitwazzjonijiet konkreti li jeħtieġu tweġiba Nisranija ... ***R/.***
- Meta sħabna fit-triq tiegħek jaqgħu lura jew jitbiegħdu ***R/.***

### Innu Ewkaristiku

## Riġlejn Mexjin

Mulej, wara ġurnata mixi u minkejja li kien dalam, dawk iż-żewġ dixxipli "dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura lejn Ġerusalemm" għad-dawl tal-musbieħ ta' qalbhom imkebbsa. Issa għarfuk, raw l-istorja mill-perspettiva tiegħek u ma setgħux jistennew biex jaqsmu ma' ħuthom l-aħbar li inti ħaj. Ix-xbieha tar-"riġlejn mexjin" tfakkarna għal darb'oħra fil-missio ad gentes, il-missjoni mogħtija minnek lill-Knisja biex twassal l-Aħbar it-Tajba lil kull persuna u lil kull poplu sa truf l-art. Illum aktar minn qatt qabel l-umanità, midruba minn tant inġustizzji, firdiet u gwerer, għandha bżonn il-Bxara t-Tajba tal-paċi u s-salvazzjoni.
Permezz tal-Profeta Isaija, Mulej, inti għedtilna: "Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara, ta' min ixandar is-sliem, ta' min iħabbar ir-risq, ta' min ixandar is-salvazzjoni, u jgħid lil Sijon: 'Alla tiegħek isaltan!'" (Is 52, 7-8a). Mhuwiex il-ġmiel estetiku jew erotiku, imma l-ġmiel kollu kallijiet u nfafet, slieħ u grif, il-ġmiel tas-saqajn li jlebbtu sabiex dak li semgħu b'widnejhom u raw b'għajnejhom—il-ferħ tal-laqgħa miegħek ħaj, irxoxt—jaqsmuh mal-bqija ta' ħuthom il-bnedmin fit-toroq differenti tal-ħajjiet tagħhom. Għalhekk, Mulej, aħna wkoll illum se nitolbuk tbierek ir-riġlejn sbieħ tad-dixxipli tiegħek li permezz tal-umanità fraġli tagħhom iwasslu l-Aħbar it-Tajba tal-miġja tiegħek fostna bħala bniedem bħalna sabiex issalvana.

- Bierek, Mulej, ir-riġlejn ta' dawk kollha li fil-Knisja jħabirku sabiex il-Kelma tiegħek titwassal lill-bnedmin kollha. Nitolbu.

- Bierek ir-riġlejn ta' dawk li għandhom xi forma ta' awtorità fid-dinja sabiex iħalluk tmexxi l-passi tagħhom u tal-popli li jmexxu fit-triq tas-sliem. Nitolbu.
- Bierek ir-riġlejn ta' tant saċerdot, reliġjużi rġiel u nisa, lajċi kkonsagrati, katekisti u mexxejja ta' gruppi li fis-skiet jgħallmu l-Kelma tiegħek lil uliedek, żgħar u kbar. Nitolbu.
- Bierek ir-riġlejn tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna sabiex imiddu riġlejhom f'toroq li jbegħduhom mill-ħażin u jwassluhom għandek. Nitolbu.
- Bierek ir-riġlejn ta' dawk li qed issejħilhom biex ikunu missjunarji tul toroq 'il bogħod minn artna, sabiex ma jonqsuhomx l-imħabba u l-kuraġġ ħalli jagħrfu s-sejħa tiegħek u jilqgħuha. Nitolbu.
- Bierek bid-dehra tiegħek lil dawk li sakemm kienu għadhom fuq l-art, bil-kliem, bl-għemil, u permezz tal-ġid tagħhom, ħabirku għall-ħidma missjunarja tal-Knisja. Nitolbu.

Mulej Ġesù, kebbes lil qlubna u iftaħ lil għajnejna sabiex riġlejna jħaffu fit-toroq tad-dinja ħalli jwasslu l-Aħbar it-Tajba lill-bnedmin kollha, kull fejn jinsabu, għall-ikbar glorja tiegħek, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali